# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2020**

**Numru 1**

**Ċitazzjoni numru 700/2001 JZM**

**Ali El-Haddar u Vincent Zammit**
**bħala mandatarju speċjali tal-assenti**
**Saleh Frage Abuaisha**

***v.***

***Lombard Bank Malta p.l.c.*; u b'dikriet**
**tas-6 ta' Ottubru 2004 issejjaħ fil-kawża**
**Mark Attard; u b'dikriet tas-27 ta' Novembru**
**2007 issejħu fil-kawża Hector Carter**
**u martu Anna Carter, u Neil Carter**
**u martu Susan Carter**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta *Lombard Bank p.l.c.* ["il-bank"] minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju 2014 li ikkundannat lill-bank irodd lill-atturi flus li l-bank kien ittras-ferixxa mill-kont tagħhom lil terzi mingħajr il-kunsens tagħhom. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

2. Fid-9 ta' Diċembru 1999 l-attur Ali El-Haddar, li ġà kien klijent tal-bank, kien fetaħ kont ġdid mal-bank f'ismu u f'isem l-attur l-ieħor Saleh Frage Abuaisha, li wkoll ġà kien klijent tal-bank, b'dan illi l-kont seta' jitħaddem minn kull wieħed miż-żewġ atturi waħdu. El-Haddar iffirma d-dokumenti meħtieġa biex jinfetaħ il-kont u biex jingħataw struzzjonijiet lill-bank iżda Abuaisha billi ma kienx Malta ma iffirmax.

3. Fost l-istruzzjonijiet li El-Haddar ta lill-bank dwar it-tħaddim tal-kont, kien hemm dik illi l-bank seta' jiġbed flus mill-kont jekk jingħatawlu struzzjonijiet jagħmel hekk permezz ta' *fax*. Ġà kien hemm dak l-arranġament dwar kontijiet oħra li kellu El-Haddar mal-bank (għal-kemm mhux ukoll dwar il-kontijiet ta' Abuaisha), u l-prassi kienet illi El-Haddar jibgħat struzzjonijiet bil-miktub u minnufih wara jikkonferma-hom bit-*telephone* qabel ma l-bank iwettaqhom. Barra minn hekk, biex jawtentika l-*fax*, fuqha kien iniżżel ukoll *code number* li jidentifikah u li kien jafu biss hu u l-funzjonarju tal-bank responsabbli għall-ammini-strazzjoni tal-kont.

4. Ġara illi fil-21 ta' Diċembru 1999 lill-bank waslulu struzzjonijiet permezz ta' *fax* li kien jidher li kellu fuqu l-firma ta' El-Haddar sabiex mill-kont tal-atturi jittrasferixxi mitejn u ħamsin elf dollaru amerikan ($250,000) favur kont ta' terzi ma' bank ieħor fl-Albanija, u l-bank konvenut mexa fuq dawn l-istruzzjonijiet bla ma qabel fittex li jikkonfermahom ma' El-Haddar.

5. Billi fil-fatt il-firma fuq il-*fax* kienet falza u ma kinitx ta' El-Haddar, u għalhekk l-atturi jgħidu illi t-trasferiment ta' flus mill-kont tagħhom ma

sarx bil-kunsens tagħhom, u wkoll illi l-bank ma mexiex bil-għaqal, huma fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti:

»1. tiddikjara illi s-soċjeta konvenuta ittrasferiet s-somma ta' USD 250,000 fil-21 ta' Diċembru 1999 mill-kont … indebitament in kwantu ma sarx abbażi ta' struzzjonijiet mogħtija lilha minn wieħed mit-titolari, *ossia* firmatarju ta' dan il-kont;

»2. sussidjarjament tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi solidalment bejniethom, ammontanti għal USD 250,000, b'rizultat tal-fatt illi fil-21 ta' Diċembru 1999 is-soċjetà konvenuta ittrasferixxiet mill-kont … intestat lill-atturi s-somma ta' USD 250,000, mingħajr l-awtorizzazzjoni awtentika u ġenwina tat-titolari, *ossia* firmatarji, ta' dan il-kont, jew wieħed minnhom, u dan minħabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas da parti tas-soċjetà konvenuta li tadotta sistema sikura sabiex jiġi assigurat li struzzjonijiet li l-bank jerċievi huma ġenwini u awtentiċi;

»3. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tirrifondi *ossia* tħallas lill-atturi s-somma ta' USD 250,000 rappreżentanti s-somma li ġiet indebitament trasferita mill-kont … intestat fuq l-atturi, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-atturi jew wieħed minnhom, liema somma tirrappreżenta *inoltre* d-danni sofferti mill-atturi b'riżultat tal-aġir tas-soċjetà konvenuta.«

6. Talbu wkoll l-imgħax u l-ispejjeż.

7. Wara li b'dikriet tas-6 ta' Ottubru 2004 issejjaħ fil-kawża Mark Attard fuq talba tal-bank, Attard ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. illi in linja preliminari l-eċċipjent għandu jiġi liberat *ab observantia judicii* peress illi ma teżisti ebda forma ta' relazzjoni ġuridika bejnu u l-atturi *propio et nomine*;

»2. illi mingħajr preġudizzju u wkoll in linja preliminari l-azzjoni kif promossa għal-likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas ta' danni in kwantu diretta fil-konfront tal-eċċipjent hija preskritta fit-termini tal-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

»3. illi mingħajr preġudizzju fil-merti t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-eċċipjenti ma kien qatt involut b'ebda mod fit-transazzjoni [*sic*] relattiva li saret fuq il-kont *de quo*.«

8. B'dikriet ieħor tas-27 ta' Novembru 2007 issejħu fil-kawża wkoll, fuq talba tal-bank, Hector Carter u martu Anna Carter, u Neil Carter u martu Susan Carter. Hector u Anna Carter ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. illi l-eċċipjenti la għandhom u lanqas qatt ma kellhom ebda relazzjoni la ġuridika u lanqas xort'oħra ta' kwalsiasi natura mal-atturi odjerni u huma għal kollox estranei għar-relazzjoni ġuridika li dawn l-atturi għandhom jew f'xi żmien seta' kellhom mal-bank konvenut u għalhekk it-talbiet attriċi kif proposti fil-konfront tal-eċċipjenti huma legalment insostenibbli u għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhom għalhekk jiġu respinti bl-ispejjeż;

»2. illi ulterjorment in kwantu t-talbiet attriċi kif proposti jirriżultaw li huma di natura legali talba għad-danni, l-azzjoni attriċi fil-konfront tal-eċċipjenti hija preskritta a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

»3. lli l-eċċipjenti ulterjorment f'dan il-kuntest qegħdin minn issa jżommu *sia* lil *Lombard Bank plc* li talab il-kjamata in kawża tagħhom fil-proċeduri odjerni u *sia* wkoll lil Mark Attard *ex*-impjegat tal-istess bank, li implika lill-eċċipjenti Hector Carter f'din l-istorja, pienament responsabbli għad-danni kollha li huma ġew esposti għalihom bħala konsegwenza tal-aġir tal-istess;

»4. illi l-eċċipjenti Anna Carter tirrileva ulterjorment għal kull effett u finijiet tal-liġi illi mkien ma jirriżulta li saret xi referenza għaliha f'dawn il-proċeduri u għalhekk ukoll il-kjamata in kawża tagħha hija irrita u nulla.«

9. Neil u Susan Carter ukoll ressqu eċċezzjonijiet. L-ewwel tliet eċċezzjonijiet huma l-istess bħal ta' Hector u Anna Carter, u komplew ressqu wkoll dawn l-eċċezzjonijiet:

»4. illi jiġi notat f'dan il-kuntest illi fir-rikors tiegħu tat-2 ta' Novembru 2007 fejn talab il-kjamata in kawża, il-*Lombard Bank plc* naqas illi jsemmi illi ma hemm pendenti ebda proċeduri penali fil-konfront tal-eċċipjenti Neil Carter u dan minkejja investigazzjoni intensiva da parti tal-Pulizija wara l-allegazzjonijiet magħmula minn Mark Attard;

»5. illi l-eċċipjenti Susan Carter tirrileva ulterjorment għal kull effett u finijiet tal-liġi illi mkien ma jirriżulta li saret xi referenza għaliha f'dawn il-proċeduri u għalhekk ukoll il-kjamata in kawża tagħha hija irrita u nulla – u dan *multo magis* meta wieħed iqis illi fil-perijodu tal-allegati fatti hija lanqas biss kienet miżżewġa lill-eċċipjenti Neil Carter.«

10. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *Lombard Bank Malta plc*.

»Tiċħad it-tieni eċċezzjoni u *cioè* dik tal-preskrizzjoni skond l-art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-kjamat fil-kawża Mark Attard.

»Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Mark Attard.

»Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Mark Attard.

»Tillibera lill-kjamat fil-kawża Mark Attard mill-osservanza tal-ġudizzju.

»Tiċħad it-tieni eċċezzjoni u *cioè* dik tal-preskrizzjoni skond l-art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-kjamati fil-kawża Hector u Anna konjuġi Carter.

»Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamati fil-kawża Hector u Anna konjuġi Carter.

»Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-kjamati fil-kawża Hector u Anna konjuġi Carter.

»Tillibera lill-kjamati fil-kawża Hector u Anna konjugi Carter mill-osservanza tal-ġudizzju.

»Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-kjamati fil-kawża Neil u Susan konjuġi Carter.

»Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamati fil-kawża Neil u Susan konjuġi Carter.

»Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-kjamati fil-kawża Neil u Susan konjuġi Carter.

»Tillibera lill-kjamati fil-kawża Neil u Susan konjuġi Carter mill-osservanza tal-ġudizzju.

»Tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tal-atturi.

»Tilqa' t-tielet talba tal-atturi u għalhekk tikkundanna lill-konvenut *Lombard Bank Malta plc* sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u ħamsin elf Dollaru Amerikan (US$ 250,000) bl-imgħax legali b'effett mit-22 ta' Mejju 2001 (data tan-notifika taċ-ċitazzjoni lill-konvenut *Lombard Bank Malta plc*) sad-data tal-effettiv pagament.

»Tordna lill-kjamati fil-kawża Mark Attard, Hector u Anna konjuġi Carter, u Neil u Susan konjuġi Carter sabiex iħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji relatati mad-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Tordna lill-konvenut *Lombard Bank Malta plc* sabiex iħallas l-ispejjeż kollha l-oħra tal-kawża.«

11. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din-id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Il-qorti tirrileva illi l-azzjoni attriċi kienet promossa abbażi tal-obbligazzjonijiet naxxenti mir-relazzjoni *ex contractu* li l-atturi kellhom mal-bank konvenut, u *cioè* r-relazzjoni ta' bejn depożitant u depożit-arju. Huwa evidenti li l-atturi qegħdin jimputaw lill-bank konvenut – mhux lil ħaddieħor – inadempjenzi kontrattwali li – skond huma – wasslu għat-telf li ġarrbu. Dak kien il-binarju prexelt mill-atturi sabiex jindirizzaw l-azzjoni tagħhom. Għalhekk l-atturi indikaw biss lill-bank konvenut bħala l-kontradittur tagħhhom fuq il-pretiża li dan kellu jwieġeb għall-konsegwenzi tal-inadempjenzi li jallegaw li kienu kommessi mill-bank konvenut.

»Huwa punt ta' dritt li depożitarju – skond l-art. 1899 tal-Kap. 16 – għandu jieħu ħsieb tal-ħaġa li tkun fil-kustodja tiegħu "daqs kemm jieħu fil-ħsieb fil-kustodja ta' ħwejġu". Skond l-art. 1900(1) tal-Kap. 16: "id-disposizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan għandhom jiġu applikati b'mod sever … b) meta jkun ftiehem li għandu jitħallas għall-kustodja tad-depożitu. Id-diliġenza li d-depożitarju għandu juża fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet tiegħu hija dik ta' *bonus pater-familias*".

»… … …

»Id-difiża tal-bank konvenut kontra l-azzjoni attriċi tinġabar fil-pretensjoni li l-bank wettaq b'diliġenza l-istruzzjonijiet li kellu, liema struzzjonijiet ingħataw lill-bank permezz ta' *fax*; inoltre in vista tal-*fax indemnity form*, li ffirma l-attur El-Haddar, il-bank konvenut kien eżentat minn kwalsiasi responsabbilità.

»Wara li qieset il-provi fl-assjem tagħhom, il-qorti mhijiex sodisfatta li l-bank konvenut wettaq b'diliġenza l-obbligi tiegħu.

»It-trasferiment ta' US$ 250,000 sar mill-bank konvenut wara li l-bank jallega li kien irċieva struzzjonijiet mingħand l-attur Ali El-Haddar permezz ta' *fax* – u li diversi impjegati tal-bank konvenut ħalfu – wieħed wara l-ieħor – li kienet iffirmata mill-istess Ali El-Haddar.

»Il-qorti mhijiex sodisfatta li l-bank konvenut ħa l-prekawzjonijiet kollha mistennija minnu sabiex jaċċerta ruħu mill-awtentiċità ta' dik il-*fax* qabel jeffettwa t-trasferiment, u għalhekk il-qorti mhijiex sodisfatta li l-bank konvenut ġab ruħu ta' *bonus paterfamilias.*

»Ali El-Haddar kien klijent tal-bank konvenut għal diversi snin. Mill-assjem tal-provi ma rriżultax li qatt qabel kien talab li jkun hemm trasferiment ta' flus f'ammont li jqarreb il-figura ta' US$ 250,000. L-għaqal kien jitlob illi l-bank konvenut hekk kif irċieva l-*fax* mhux jillimita ruħu għall-proċeduri soliti tal-bank, iżda qabel biss jaħseb li jibgħat dawk il-flus kollha, u wara li jkun għamel il-verifiki interni tiegħu – inkluż it-tqabbil tal-firem – jagħmel l-aħħar sforz ta' diliġenza ta' *bonus paterfamilias* illi jew jesiġi mingħand il-klijent l-oriġinal tal-*fax* jew inkella jikkonferma bit-telefon direttament mal-klijent l-awtentiċità tal-*fax* li kien irċieva. Mhux biss f'ammonti daqstant qawwija iżda l-qorti tgħid anke fil-każ ta' ammonti iżgħar il-prudenza kienet titlob li jkun hemm konferma ulterjuri tar-rikjest għal trasferiment – li jmur *oltre* s-solita *bank practice.* Il-qorti tagħti piż lill-fatt illi *ex post facto* l-prattika tal-bank konvenut inbidlet fis-sens li bdew isiru verifiki bit-telefon wara li jaslu struzzjonijiet bil-*fax*. Allura jekk il-konferma bit-telefon bdiet tiġi pratikata wara l-fatt, għala ma kenitx pratikata qabel u b'hekk jiġi skansat inkwiet bla bżonn? Il-konferma bit-telefon m'għandhiex titqies bħala proċedura 'reattiva' għal dak li ġara fil-każ tal-lum, iżda kellha tkun miżura 'preventiva' li ssib post ewlieni fil-kuntest tal-eżerċizzju korrett tad-diliġenza ta' *bonus paterfamilias.* Skond ix-xiehda tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla, irriżulta illi bank kompetitur iehor Malti – fil-perijodu in kwistjoni – diġà kellu *in place* proċedura fejn il-bank jagħmel kuntatt bit-telefon mal-klijent li jkun irrikjeda t-trasferiment biex ikollu konferma li *tutto è a posto.*

»Fil-każ ta' Ali El-Haddar irriżulta wkoll meta impjegata partikolari tal-bank kienet tisservisja l-kont tiegħu, kien jiġi adoperat *code* bħala konferma ta' rikjesti għal operazzjonijiet bankarji li jkunu saru minn El-

Haddar. Meta l-impjegata partikolari ma baqgħetx tisservisja l-kont jidher li l-*code* ma baqax jiġi adoperat. U hekk ġara fil-każ tal-lum: infatti fil-*fax* li waslet għand il-bank konvenut ma kienx indikat il-*code* ta' El-Haddar. Hemm il-bank messu kien prevedenti meta sab dak in-nuqqas. Għalkemm l-użu ta' *code* ma kienx proċedura solita tal-bank, irriżulta li l-uffiċjali tal-bank kienu edotti b'dak li kien qed isir fil-każ ta' El-Haddar, u ma ddisapprovawx l-użu tal-*code*. In aġġunta mal-miżuri l-oħra ta' prevenzjoni, l-użu ta' *client code* għal operazzjonijiet partikolari kellu jitqies bhala *a plus* biex jirrendi l-operazzjoni aktar sikura.

»Minn eżami tal-*fax*, jirriżulta li din intbagħtet fuq *letterhead* ta' kumpannija. Mhijiex kontestata l-istqarrija ta' El-Haddar illi kull meta bagħat lill-bank konvenut struzzjonijiet bil-*fax* dawn kienu fuq karta (bla *letterhead*) u bil-*code* tiegħu. Anke f'dan il-każ, il-bank konvenut messu kien prevedenti u ma ħa propju xejn *for granted*; aktar u aktar meta wiehed iqis li l-possessuri tal-kont bankarju mnejn kienu se jiġu trasferiti l-flus kien f'isem l-atturi mhux f'isem kumpannija. Romina Frendo Randon – impjegata tal-bank – ikkonfermat illi l-bank qatt ma kien ingħata struzzjonijiet mill-kumpannija li isimha kien jidher fuq il-*letterhead*. Dan l-akkorġiment ma kienx sempliċi dettall iżda kien fattur ta' sostanza li kien messu stimola lill-uffiċjali tal-bank konvenut sabiex imorru *oltre* dak li kien jidher.

»Dwar it-tqabbil tal-firem, il-qorti mhijiex sodisfatta li l-bank konvenut kellu *in place* aċċertamenti *del mestiere* sabiex it-tqabbil tal-firem ikun tassew *foolproof* u mhux soġġett għal dak li jirriżulta lill-impjegati *ictu oculi.* Ma ninsewx li t-tqabbil tal-firem li sar kien bejn firma fuq *fax* (u allura mhix oriġinali) ma' *specimen signature* oriġinali li kienet fir-*records* tal-bank. Ladarba l-paragun kien qed isir bejn dokument in kopja ma' dokument in oriġinali ma kienx biżżejjed li l-aċċertament tal-firem isir *ictu oculi* anke jekk minn aktar minn impjegat wieħed. Kellu jkun hemm verifiki oħra ladarba mill-bidu nett il-*fax* bħala tali *should have raised eyebrows.* Mix-xiehda tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla nafu li Mark Attard kien il-persuna li kisbet kopja tal-firma oriġinali ta' El-Haddar u, abbażi ta' dik, imbagħad kienet fabbrikata l-*fax*. *Eppure* nistgħu ngħidu li l-bank ikollu jistrieh – għall-kredibilità u l-professjonalità tiegħu – fuq il-*bona fides* tal-impjegati tiegħu? Ma kellux ikun hemm proċedura – anke jekk stretta – ta' *internal control* fuq l-aċċess għall-firem? F'qasam tant delikat u sensittiv bħal ma huma s-servizzi bankarji u finanzjarji, il-prevenzjoni ma hija qatt wisq. Meta kollox igħaddi għax rutina, jew għax iġib sikkatura, ir-riskji jiżdiedu speċjalment meta għandek malvivent determinat. Li l-aċċess għall-firem ikun miftuħ għall-impjegati kollha tal-bank mingħajr riserva jew distinzjoni mhuwiex tajjeb. L-aċċess għandu jkun ristrett għall-impjegati skond id-dipartiment li jkun, taħt il-kontroll tas-*supervisor*. Hija *al dir meno* sorprendenti l-estrema faċilità li biha Mark Attard aċċeda għad-dokumenti li ried dwar El-Haddar meta dan tal-aħħar ma kienx *serviced* minn Attard li kien jaħdem fid-dipartiment tal-*accounts*. Id-delitt kien kommess minn Mark Attard bil-kompliċità ta' terzi iżda l-qorti m'għandhiex dubju li *vis-à-vis* El-Haddar kienu n-nuqqasijiet tal-bank konvenut li għamlu l-misfatt ta' Mark Attard anqas komplikat.

»Il-qorti tosserva wkoll aġir kontradittorju u karenti fil-professjonalità da parti tal-bank konvenut. El-Haddar kien klijent tajjeb tal-bank għal ħafna snin. Mela l-bank kien jaf ma' min kien qed jittratta. *Eppure* meta nqala' dak li nqala' fil-21 ta' Jannar 2000 bħal donnu l-impjegati tal-

bank riedu joħorġu lil El-Haddar ta' giddieb. U dik hija l-kelma – xejn aktar u xejn inqas! Diversi impjegati – wieħed wara l-ieħor – jinsistu li El-Haddar "bidel il-verżjoni". Mis-sekwenza tal-fatti, u milli rriżulta aktar 'il quddiem fiż-żmien, ħareġ biċ-ċar li El-Haddar kien vittma, u ma ried jieħu vantaġġ minn ħadd. Il-malintiż dwar il-US$ 25,000 / US$ 250,000 ħarġet ċara, u huwa evidenti li dak ma kienx każ ta' *dietro front* da parti ta' El-Haddar. Anzi huwa l-*ennesima* konferma li El-Haddar qatt ma ta struzzjonijiet lill-bank biex jittrasferixxi US$ 250,000. Għalih l-uniku trasferiment awtorizzat kien dak ta' US$ 25,000 minn kont, u rreaġixxa meta sab li kienu naqsu US$ 250,000 minn kont ieħor. Aċċertat li l-aġir ta' El-Haddar kien *above board* il-bank messu kien pront u talab l-intervent tal-pulizija ladarba ħareġ fid-deher li *si trattava* ta' falsifikazzjoni ta' dokument u ta' *siphoning of funds*. Fil-fatt il-bank ma għamilx rapport – kif ikkonferma Graham Fairclough fid-depożizzjoni tiegħu.

»Dwar il-kwistjoni tal-ħelsien minn responsabilità minħabba l-*fax indemnity form* li kien iffirma El-Haddar, irriżulta li l-kont mnejn kienu trasferiti l-flus kien intestat lill-atturi – mhux lil El-Haddar waħdu. Irriżulta li meta sar it-trasferiment tal-flus, Abuaisha ma kienx għadu ffirma d-dokumenti neċessarji sabiex il-proċess tal-ftuħ tal-kont ikun kompletat. Billi l-kont kien *joint*, kien effettivament meħtieġ li, fl-ewwel lok, id-dokumentazzjoni tkun iffirmata miż-żewġ benefiċjarji, ħaġa li kienet għadha ma seħħitx, u fit-tieni lok li jkun hemm *fax indemnity form* iffirmata miż-żewġ benefiċjarji. Irriżulta li għalkemm El-Haddar kien iffirma biex il-kont fil-każ ta' firem ikun *or* mhux *and,* Abuaisha ma kienx għadu ssiġilla bil-firma tiegħu tad-dokumenti jew b'xi mod ieħor l-aċċettazzjoni tiegħu biex il-kont jiġi operat minn benefiċjarju wieħed biss u mhux neċessarjament mit-tnejn flimkien. Għalhekk mingħajr il-firma ta' Abuaisha fuq il-*fax*, fid-data tat-trasferiment tal-flus, ma setax jiġi operat il-kont bil-firma biss ta' El-Haddar, anke li kieku l-firma ta' El-Haddar kienet tiegħu tassew, li fil-każ tal-lum irriżulta li ma kenitx. Għalhekk il-bank konvenut ma jistax jinvoka ħelsien minn responsabilità.

»Il-qorti tgħid ukoll illi *fax indemnity form* ma teżentax lill-bank konvenut milli jagħmel aċċertamenti u verifiki li huma dettati mid-diliġenza u mill-prudenza ta' *bonus paterfamilias.* Il-bank konvenut ma għandux jippretendi li b'*fax indemnity form* huwa jista' jikkontratta *out of its liability* għaliex dik l-*indemnity* ma teżentax lill-bank konvenut mill-obbligi ta' diliġenza ta' *bonus paterfamilias*.

»Fil-każ tal-lum irriżulta li ebda wiehed mill-atturi ma ffirma *fax indemnity form* għar-rigward ta' dak il-kont partikolari – lanqas l-istess El-Haddar. Infatti rriżulta li l-*fax indemnity form* li l-bank kien qed joqgħod fuqha kienet ġiet iffirmata minn El-Haddar in konnessjoni ma' *joint account* li kien fetaħ fl-1994 ma' ħaddiehor (mhux Abuaisha). Infatti El-Haddar ma kienx intalab jiffirma *fax indemnity form* oħra fir-rigward tal-kont il-ġdid ma' Abuaisha. Il-qorti hija tal-fehma li kull kont ġdid huwa kuntratt ġdid bejn il-bank u d-depożitant li jfisser li jġorr miegħu obbligi kontrattwali ġodda u allura jkompli jfisser li fil-każ tal-*joint account* ġdid il-bank kellu jirrikjedi li ż-żewġ *account holders* jiffirmaw it-tnejn il-*fax indemnity form.* Fil-fehma tal-qorti, errata kienet l-assunzjoni tal-uffiċjali tal-bank konvenut li l-*fax indemnity form* ta' qabel li kienet tgħodd għal El-Haddar tiġi estiża u tkun resa applikabbli għall-*joint account* ta' bejn l-atturi. Fil-fehma tal-qorti anke dan l-iżball

ta' ġudizzju jdgħajjef il-posizzjoni tal-bank fil-kawża tal-lum, meqjus ukoll il-fatt li *ex post facto,* skond Kevin Galea Souchet, il-bank bidel il-proċedura tiegħu u beda jesiġi li ma' kull kont ġdid li jinfetaħ ikun hemm *fax indemnity form* iffirmata wkoll.

»Il-qorti tqis li – indipendentement mill-misfatti tal-kjamati fil-kawża jew min minnhom jew addirittura ta' persuni oħra li mhumiex partijiet fil-kawża – kienet il-karenza fil-prekawzjonijiet u fit-tutela tad-depożitanti li wassal għat-telf li garrbu l-atturi. Dwar dan il-qorti m'għandhiex l-iċken dubju u huwa għal kollox inutili li l-bank konvenut ikopri n-nuqqasijiet tiegħu billi jiskarika kollox fuq il-misfatti kommessi minn ħaddieħor. Il-qorti tifhem għaliex il-bank konvenut baqa' jinsisti fuq il-kjamata fil-kawża ta' Mark Attard u tal-membri tal-familja Carter. Jekk xejn sabiex – jekk ikun il-każ – izomm firm id-dritt ta' rivalsa kontra l-kjamati fil-kawża jew min minnhom. Fl-istess waqt però l-qorti tir-riafferma li bil-binarji tal-kawża hekk kif determinati mill-atturi, u *cioè* azzjoni *ex contractu,* ma tistax iddawwar il-kawża f'azzjoni *ex delicto* meta l-atturi qatt ma talbu lill-qorti biex tiddeċiedi fuq bażi ta' *ex delicto.*

»Finalment il-qorti sejra tiddeċiedi l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni skond l-art. 2153 tal-Kap 16 li kienu sollevati separatament mill-kjamati fil-kawża Mark Attard, Hector u Anna Carter, u Neil u Susan Carter.

»L-art. 2153 tal-Kap. 16 jaqra hekk :-

> »"L-azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn."

»Mill-assjem tal-provi jirriżulta kjarament illi din il-preskrizzjoni mhijiex applikabbli għall-każ tal-lum.

»Il-qorti dan tgħidu mhux biss għaliex l-azzjoni attriċi hija *ex contractu*, iżda anke għaliex kwalsiasi ko-involġiment tal-kjamati fil-kawża – jew min minnhom – ma jista' qatt isib relazzjoni jew ikun abbinat ma' "ħsarat mhux ikkaġunati b'reat".

»*Stando agli atti*, il-bank konvenut daħħal lil Mark Attard u lill-membri tal-familja Carter fil-kawża proprju u unikament fuq il-pretensjoni tiegħu illi kkommettew reat.

» Għalhekk il-qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-art. 2153 tal-Kap. 16.«

12. Il-bank appella b'rikors tal-4 ta' Awissu 2014 li għalih l-atturi wieġbu fit-3 ta' Settembru 2014, Neil u Susan Carter wieġbu fl-10 ta' Settembru 2014 u Hector u Anna Carter wieġbu fl-20 ta' Novembru 2014. Mark Attard ma weġibx. Neil u Susan Carter u Hector u Anna Carter ressqu wkoll eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, taħt l-art. 2154 tal-Kodiċi Ċivili.

13. Fl-ewwel aggravju tal-appell il-bank jgħid li ma jaqbilx mal-ewwel qorti meta din qalet illi r-relazzjoni bejn il-bank u l-atturi hija dik ta’ depożitu, u jgħid illi r-relazzjoni hija dik ta’ mutwu.

14. Tassew illi l-kont bankarju aktar għandu min-natura ta’ depożitu irregolari – li l-art. 1894 tal-Kodiċi Ċivili jrid li jkun regolat mil-liġijiet dwar il-mutwu – u wkoll min-natura ta’ mandat, u mhux ta’ depożitu hekk proprjament imsejjaħ. Madankollu, lanqas ma huwa għalkollox kuntratt ta’ mutwu, għax ma huwiex biss fl-interess ta’ min “jissellef” il-flus, *i.e.* tal-bank, iżda wkoll ta’ min “jislef” il-flus, *i.e.* tal-klijent. Ir-relazzjoni li toħroġ mill-ftuħ u tħaddim ta’ kont bankarju hija *sui generis*, u la hija depożitu u lanqas strettament ma hija biss mutwu.

15. F’kull każ, dan kollu huwa irrelevanti. Il-kwistjoni hi illi l-bank iddispona minn flus ħaddieħor fdati f’idejh b’mod li ma kellux il-kunsens tat-titolari. Il-bank ma setax iħaddem il-kont tal-atturi mingħajr il-kunsens tal-atturi; jekk iddebita l-kont tal-atturi mingħajr il-kunsens tagħhom biex il-flus għaddihom lil terzi, dak il-fatt waħdu hu biżżejjed biex il-bank ikun obbligat irodd il-flus fil-kont tal-atturi. Li hu relevanti hu li dak li għamel il-bank ma kienx bil-kunsens u fuq struzzjonijiet tal-atturi, u għalhekk ma jistax jolqot il-jeddijiet tal-atturi. Vittma tal-qerq kien il-bank, mhux l-atturi, u kien il-bank, mhux l-atturi, li mexa fuq dawk l-istruzzjonijiet qarrieqa. Għalhekk it-telf iġarrbu l-bank – bla ħsara għal kull jedd li jista’ jkollu kontra min qarraq bih – u mhux l-atturi. Dan huwa tant ovvju li huwa tassew sorprendenti kif il-bank baqa’ jirreżisti t-talba tal-atturi għal kważi għoxrin sena.

16. Għall-istess raġuni huma daqstant ieħor irrelevanti l-argumenti mressqa mill-bank fit-tieni aggravju tiegħu, dak dwar "il-komportament tal-bank fil-viċenda", fejn ifittex li juri li mexa ta' *bonus paterfamilias*. Li hu relevanti hu l-fatt waħdu li l-bank bla awtorizzazzjoni ġibed flus mill-kont tal-atturi biex tahom lil ħaddieħor; jekk mexiex bil-għaqal jew le fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma huwiex relevanti għax kien il-bank li tqarraq, mhux l-atturi. Fir-rikors tal-appell il-bank josserva illi:

> »… … … il-posizzjoni hija waħda ċara. Il-bank għandu jaġixxi immedjatament skond u entro l-istruzzjonijiet mogħtija lilu u b'mod kif definit mill-ftehim ta' bejniethom:- … … … il-bank li jaċċetta l-mandat li jiftah il-kreditu għandu jagħmel eżattament dak illi l-klijent irrikjeda li huwa jagħmel. … … … Il-bank kulma għamel kien illi wettaq struzz-jonijiet li kienu jidhru kjarament li kienu ġejjin mill-klijent … … …«

iżda huwa appuntu dan il-punt kollu: il-bank ma mexiex fuq l-istruzz-jonijiet mogħtija mill-klijent iżda fuq struzzjonijiet ta' terzi li ma kellhom ebda setgħa legali jagħtu dawk l-istruzzjonijiet.

17. Fil-verità iżda, ma hu minnu xejn li l-bank mexa bil-għaqal; anzi, mexa b'leġġerezza kbira meta tqis li n-negozju kien wieħed x'aktarx sostanzjali li kien jitlob prekawzjonijiet ferm aktar milli ħa l-bank. Għar-raġunijiet kollha elenkati mill-ewwel qorti – il-fatt li għat-trasferiment ta' somma hekk kbira ma ntalbitx konferma; il-fatt li l-bank mexa fuq l-istruzzjonijiet minkejja n-nuqqas tal-*client code*; il-fatt illi l-kampjun tal-firma tal-klijent kien faċilment disponibbli għal min ma kellu ebda raġuni leġittima għala jkollu aċċess għalih, b'mod li impjegat tal-bank seta' jinqeda b'dan l-aċċess biex ġiet falzifikata l-firma – din il-qorti taqbel illi l-għaqal kien nieqes fl-imġiba tal-bank.

18. Il-bank josserva wkoll illi:

> »Meta l-attur El-Haddar iffirma l-*fax indemnity* huwa espliċitament assuma fuqu nnifsu kull riskju in konnessjoni mal-eżekuzzjoni ta' *instructions* mogħtja permezz ta' *fax*, u eżenta lill-bank minn kull responsabilità f'tali rigward.«

19. Jerġa' jingħad iżda illi fil-fatt dak li għamel il-bank ma kienx "in konnessjoni mal-eżekuzzjoni ta' *instructions* mogħtja" mill-klijent. Dan b'żjieda mal-fatt illi l-*fax indemnity* ngħatat fuq kont ieħor u mhux dak li minnu nġibdu l-flus, il-fatt illi l-attur l-ieħor Abuaisha ma iffirmax il-*fax indemnity*, u l-fatt ukoll illi l-*indemnity* ngħatat bil-kondizzjoni illi "*I* (*sc. the client*) *will immediately send you written confirmation of any such* (*sc. facsimile*) *instructions*"[1], ħaġa li ma saritx.

20. Argument ieħor tal-bank huwa illi, ladarba l-istruzzjonijiet biex jinfetaħ il-kont iffirmanhom biss El-Haddar, mela kienu biżżejjed struzzjonijiet ta' El-Haddar biex jitħaddem il-kont.

21. Dan ukoll huwa irrelevanti, għax l-istruzzjonijiet ma kienx El-Haddar li tahom.

22. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell safejn jolqot il-kundanna tal-bank biex irodd il-flus lill-atturi sejjer jiġi miċħud.

23. Il-bqija tal-aggravji tal-appell jolqtu l-ħelsien tal-imsejħa fil-kawża mill-ħarsien tal-ġudizzju.

24. L-ewwel qorti ħelset lill-imsejħa fil-kawża mill-ħarsien tal-ġudizzju għax laqgħet l-eċċezzjoni tagħhom li ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejnhom u l-atturi.

---

[1] *Fol.* 91.

25. Ċertament ma hemm ebda relazzjoni kuntrattwali bejn l-atturi u l-imsejħa fil-kawża iżda dan ma jfissirx bilfors li ma jistax ikumn hemm relazzjoni ġuridika bejniethom għax ir-relazzjonijiet ġuridiċi ma jitnisslux biss *ex contractu*. Għalkemm il-bank jibqa' dejjem responsabbli lejn l-atturi talli iddispona minn flushom mingħajr il-kunsens tagħhom, min dolożament wassal biex dan iseħħ huwa wkoll responsabbli u r-responsabilità ta' dan tkun *in solidum* għax dak li għamel kien *in mala fide*. Ikun repunjanti għal kull sens ta' ġustizzja jekk min tqarraq ikollu jħallas talli tqarraq waqt li min qarraq jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju!

26. L-imsejħa fil-kawża iżda jgħidu illi l-azzjoni hija msejsa fuq relazzjoni kuntrattwali waqt illi r-relazzjoni li huma jista' jkollhom mal-atturi tista' *se mai* tkun biss *ex delicto*.

27. Il-premessi tat-talbiet tal-atturi huma msejsa fuq relazzjoni kuntrattwali għax bħala konvenut l-atturi ħarrku biss lill-bank, iżda l-fatti li fuqhom huma msejsa l-premessi ma jeskludux ukoll responsabilità *ex delicto*, partikolarment fejn tissemma falzifikazzjoni tal-firma, li fiha nfisha hija mġiba delittwali. It-talbiet ukoll – partikolarment it-talba għal responsabilità minħabba negliġenza, li indubbjament tikkomprendi fiha wkoll responsabilità minħabba *dolus*, u t-talba għall-kundanna għall-ħlas – ma humiex inkompatibbli ma' responsabilità *ex delicto*. Barra minn hekk, fil-liġi tagħna ma hemm ebda regola ta' *non cumul* tal-azzjoni għal responsabilità *ex delicto* ma' dik għal responsabilità *ex contractu*.

28. Is-sofiżmi legali fit-tweġibiet tal-imsejħa fil-kawża ma jegħelbux l-argument tal-bank illi "min wettaq il-fatt għandu jirrispondi għad-danni" b'dan, iżda, illi l-qorti żżid tgħid li min wettaq il-fatt għandu jwieġeb *ukoll* għad-danni flimkien mal-bank innifsu li, għar-raġunijiet miġjuba fuq, huwa wkoll responsabbli għall-intier lejn l-atturi.

29. Iżda qabel ma ngħaddu biex inqisu jekk kinux tassew l-imsejħa fil-kawża li wettqu l-qerq kontra l-bank, jinħtieġ li nqisu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa miż-żewġ koppji Carter.

30. L-eċċezzjoni tressqet taħt l-art. 2154 tal-Kodiċi Ċivili:

> »2154. (1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.«

31. Min iffalzifika l-firma tal-attur fuq il-*fax* għamel ir-reat ta' falzifikazzjoni ta' skrittura kummerċjali jew ta' bank privat taħt l-art. 183 tal-Kodiċi Kriminali. Fl-1999, meta seħħ l-att, l-art. 183 kien jaħseb għal piena ta' priġunerija sa erba' snin. Għalhekk il-preskrizzjoni hija regolata bl-art. 688(*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid illi, għal reati suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn erba' snin, l-azzjoni kriminali – u għalhekk ukoll dik ċivili – taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' għaxar snin.

32. Mark Attard ġie notifikat fil-15 ta' Ottubru 2004 u l-koppji Carter ġew notifikati bl-affissjoni u bil-pubblikazzjoni li saret fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Mejju 2008 (u għalhekk jitqiesu li ġew notifikati fit-tielet jum tax-xogħol wara d-data tal-pubblikazzjoni, kif igħid l-art. 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-każ seħħ fl-1999,

anqas minn għaxar snin qabel in-notifiki, u għalhekk il-preskrizzjoni ma għalqitx.

33. L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2154 hija għalhekk miċħuda.

34. Ngħaddu issa biex inqisu jekk kinux tassew l-imsejħa fil-kawża li wettqu l-qerq fuq il-bank.

35. Dwar Mark Attard u Hector Carter ma hemm ebda dubju. Attard ammetta l-involviment tiegħu u fisser ukoll l-involviment ta' Hector Carter u ta' terzi fil-komplott biex jiġbdu flus mill-kontijiet tal-atturi u ta' persuni oħra b'qerq[2]. Għalkemm Hector Carter ċaħad dak li qal dwaru Attard, din il-qorti hija konvinta li Hector Carter kellu sehem ewlieni fil-qerq, ukoll wara li qieset ir-raġunijiet miġjuba fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta' Diċembru 2013 kontra Hector Carter u oħrajn, li taqbel magħhom u tagħmilhom tagħha. Tassew illi l-azzjoni ċivili hija indipendenti minn dik kriminali, u l-eżitu ta' waħda ma jiddeterminax l-eżitu tal-oħra. Madankollu, dan ma jfissirx illi s-sentenza kriminali ma tiswiex bħala xiehda fil-proċess ċivili, aktar u aktar meta tqis illi l-prova għal sejbien ta' ħtija fil-proċess kriminali hija aktar rigoruża minn dik għal sejbien ta' responsabilità fil-proċess ċivili.

36. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti temmen illi Mark Attard u Hector Carter kienu kompliċi fil-qerq li twettaq kontra l-bank bil-falzifikazzjoni tal-firma tal-attur El-Haddar, u għalhekk it-talba għar-radd tal-flus sejra tintlaqa' kontriehom ukoll.

---

2 Ara x-xiehda tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla quddiem l-ewwel qorti fit-28 ta' Mejju 2007, *foll.* 236 *et seqq.*, u l-istqarrijiet ta' Mark Attard, *foll.* 250 *et seqq.*

37. Dwar Neil Carter il-qorti tosserva illi, għalkemm dan issemma wkoll minn Attard, madankollu ma jixhirx li hemm xiehda biżżejjed li twassal għall-konvinċiment morali li Neil Carter ukoll kien kompliċi. Tassew li Neil Carter kellu rabtiet ma' Hector Carter, li hu missieru, u ma' Mark Attard, iżda dan ma hux biżżejjed biex jikkonvinċi lill-qorti li Neil Carter kien jaf l-oħrajn x'kienu qegħdin jagħmlu u li ħa sehem f'dak li għamlu.

38. Dwar Anna Carter, mart Hector, u Sue Carter, mart Neil, ma nġiebet ebda prova li dawn kellhom xi sehem fil-qerq. Barra minn hekk, billi l-kundanna ta' Hector Carter hija biex irodd flus bħala rimedju ċivili dwar reat li sar bir-rieda, id-dejn ma huwiex wieħed li jbatuh il-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, u għalhekk ma jinteressax lil Anna Carter.

39. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata:

    i. tikkonfermaha fejn laqgħet it-talbiet tal-atturi kontra l-bank;

    ii. tikkonfermaha wkoll fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

    iii. tħassarha fejn laqghet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni ġuridika u għalhekk ħelset lill-imsejħa fil-kawża mill-ħarsien tal-ġudizzju u, minflok, tiċħad dik l-eċċezzjoni;

    iv. tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2154 tal-Kodiċi Ċivili mressqa mill-imsejħa fil-kawża;

    v. tgħid illi Mark Attard u Hector Carter għandhom iwieġbu talli b'qerq u falzifikazzjoni ta' dokument ġibdu flus tal-atturi;

    vi. tikkundanna lill-bank, lil Mark Attard u lil Hector Carter flimkien *in solidum* iħallsu lill-atturi somma ekwivalenti għal mitejn u

ħamsin elf dollaru amerikan (US$ 250,000) flimkien mal-imgħax minn dakinhar tan-notifika tas-sejħa ġudizzjarja għall-ħlas, b'dan illi dan id-dejn ma jbatuhx il-beni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn Hector u Anna Carter, u b'dan ukoll illi bejn id-debituri jgħodd dak li jgħid u jrid l-art. 1106 tal-Kodiċi Ċivili;

vii. tiċħad it-talbiet safejn magħmula kontra Anna Carter u kontra Neil u Susan Carter;

viii. tordna illi l-ispejjeż relativi għall-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni u ta' nuqqas ta' relazzjoni ġuridika jħallsuhom dawk li ressqu l-istess eċċezzjonijiet;

ix. tordna illi l-ispejjeż l-oħrajn ta' Anna Carter u ta' Neil u Susan Carter iħallashom il-bank; u

x. tordna li l-ispejjeż l-oħrajn kollha, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom il-bank, Mark Attard u Hector Carter flimkien *in solidum*.

| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
mb